MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 963/2011

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Tanio Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija, disgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€459.58) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40096358 u A/C80023285* moghtija mis-Socjeta attrici u skond id-dokument ipprezentati Dok

IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv bin-numru *A/C 40096358* u Dok IZY 3 u Dok IZY 4 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv bin-numru *A/C 80023285*.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-28 ta' Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut nqas li jidher sabeix jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u disgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€459.58) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------